**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA MAGISTRAT TAL-GHASSA**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum 30 t'Ottubru 2013

**Fl-atti tar-Rikors ta' Norman Vella**
**tat-28 t'Ottubru 2013**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Norman Vella tat-28 t'Ottubru 2013, fejn ghar-ragunijiet fih spjegati huwa qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tordna r-rilaxx tal-*mobile* u tat-*tablet* proprjeta tar-rikorrent u li huma maqbuda u mizmuma mill-Pulizija, u dan ai termini ta' l-Artikolu 355T tal-Kodici Kriminali.

Fir-rikors tieghu, ir-rikorrent Vella jghid in succint hekk:

1. Ir-rikorrent jahdem bhala Ufficjal tal-Immigrazzjoni stazzjonat fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta;
2. Nhar il-Hadd 27 t'Ottubru 2013, ir-rikorrent kien xoghol b'*shift* mis-7.00a.m. sas-7.00p.m.;
3. Illi dak in-nhar ghall-habta tas-6.30p.m., huwa gie arrestat u interrogat minn membri tal-Korp tal-Pulizija fuq suspett li ha ritratti bil-*mobile* jew apparat iehor tal-Kap tal-Komunikazzjoni tal-Gvern is-Sur Kurt Farrugia u tal-Kap tal-Komunikazzjoni u *Deputy Chief of Staff* tal-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali s-Sinjorina

Ramona Attard, waqt li dawn it-tnejn kienu f'parti tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fejn kien xoghol ir-rikorrent;

4. Illi fil-kors tal-arrest u tal-interrogazzjoni tar-rikorrent, il-Pulizija, ossia l-Ispettur Maria Stella Attard, ikkonfiskat il-*mobile* tal-marka Samsung kif ukoll tablet, it-tnejn proprjeta tar-rikorrent.
5. Illi r-rikorrent stqarr mal-Pulizija li hu ma ha l-ebda ritratt tas-Sinjuri Kurt Farrugia u Ramona Attard, u malli ntalab jaghti l-*mobile* tieghu lill-Pulizija huwa kkollabora u ta access immedjat lill-Ispettur Silvio Magro biex ifittex l-allegati ritratti, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv u ghalhekk huwa oggezzjona bil-qawwa kollha li jigu kkonfiskati *l-mobile* u t-*tablet* tieghu.
6. Illi minkejja dan, filwaqt li r-rikorrent gie rilaxxat minghajr kundizzjoni, il-Pulizija xorta kkonfiskaw il-*mobile* u t-*tablet* propjeta tieghu u dan meta skont ir-rikorrent, il-Pulizija ma kelliex suspett ragonevoli li r-rikorrent ghamel jew ser jaghmel reat bl-uzu tal-imsemmi apparat.
7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa ssottometta wkoll illi, l-allegat tehid ta' ritratti ma jammontax ghal reat penali li dwaru tista' ssir investigazzjoni li tinkludi arrest, interrogazzjoni, konfiska ta' oggetti u access ghal *data personali* u ghalhekk ukoll il-Pulizija zammet dawn l-oggetti fil-pussess taghha b'mod illegali u abbuziv.
8. Illi ma hemm l-ebda procedimenti kriminali pendenti quddiem xi qorti fil-konfront tar-rikorrent;
9. Illi l-*mobile* u *tablet* jikkontjenu informazzjoni personali u privata dwar ir-rikorrent, il-familja tieghu kif ukoll terzi persuni li bl-ebda mod m'ghandhom x'jaqsmu jew jistghu ikunu ta' rilevanza ghall-investigazzjoni tal-Pulizija kif ukoll huma l-oggetti li r-rikorrenti jaghmel uzu minnhom ta' kuljum u li huwa ghandu bzonnhom.

Ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija in succint tghid hekk:

1. Illi a bazi ta' informazzjoni li l-Pulizija rceviet bdew investigazzjonijiet sabiex jigi accertat it-twettieq o meno ta' reat a termini tal-Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 (kxif ta' sigrieti professjonali), mir-rikorrenti Norman Vella.
2. Illi fil-kors ta' tali investigazzjoni, l-Pulizija elevat u ghadha qed tezamina CCTV camera footage tal-Malta International Airport.
3. Illi, skont il-Kummissarju tal-Pulizija, a prima vista jidher ir-rikorrenti f'hin u cirkostanzi partikoari juza apparat telefoniku b'mod li jqajjem suspett li kien qieghed

iwettaq att ta' telekommunikazzjoni f'zona ristretta u ghalhekk possibilment id-delitt predispost fl-artikolu precitat;

4. Illi hija l-mansjoni tal-Pulizija li tigbor l-evidenza kollha u ghaldaqstant kien opportun li l-apparat ta' telekommunikazzjoni appartenenti lir-rikorrenti jigi migbur sabiex isir l-analizi mehtiega dwar l-allegazjonijiet u indikazzjonijiet diga rizultanti.
5. Illi l-Artikolu 355T mhux wahdu fuq is-suggett ta' rilaxx, izda huwa akkumpanjat minn diversi artikoli ohra u ghalhekk ma jistghax jittiehed in solitudni u bhala l-unika regola ezistenti, tant li immedjatament in segwitu jinsab l-Artikolu 355U, fejn huwa predispost li jinzamm *repertus* dwar l-oggett in kwistjoni.
6. Ghaldaqstant, flimkien ma' din ir-risposta, il-Kummissarju intavola wkoll rikors ai termini tal-istess Artikolu 355U u dan sabiex jigi konservat il-valur probatorju ta' l-apparat in kwistjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Kummissarju talab li t-talbiet tar-rikorrent Norman Vella ghandhom jigu michuda fl-immedjatezza taghhom, u dan sakemm isiru dawk l-ezamijiet rikjesti mill-ligi kif ukoll mitluba fir-rikors aggunt.

Wara li semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti fis-seduta tal-lum stess.

Wara li semghet it-trattazzjoni finali ta' l-avukati difensuri tar-rikorrenti u tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Ikkonsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri, ir-rikorrent Norman Vella qieghed jitlob ir-rilaxx tal-*mobile* u t-*tablet* tieghu li gew konfiskati mill-Pulizija u dan ai termini ta' l-Artikolu 355T tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu jghid hekk: *"Kull min ikun is-sid bi dritt ta' oġġett maqbud u miżmum jista, ħlief jekk ikunu għadhom pendenti quddiem xi qorti proċedimenti kriminali li matulhom l-oġġett maqbud ikun ġie esibit jew ikun għad irid jiġi esibit, jagħmel rikors quddiem il-Maġistrat biex dan jingħatalu lura, u l-Maġistrat jista', wara li jisma' lill-Pulizija, b'digriet jordna r-rilaxx tal-oġġett jew mingħajr ebda kondizzjoni, jew taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jenħtieġu sabiex jiġi konservat il-valur probatorju tiegħu."*

Dan l-Artikolu 355T jinsab fis-Sub-Titolu V tat-Titolu 1 tal-Ligijiet ta' Procedura Kriminali, u dan is-Sub-Titolu V huwa intitolat *"Qbid u Zamma"*. L-ewwel Artikolu f'dan is-Sub-Titolu, u cioe l-Artikolu 355P jippreskrivi hekk: *"Il-Pulizija, meta tkun bil-liġi ġo xi lokal, tista' taqbad kull oġġett li jkun f'dak il-lokal jekk ikollha għaliex* ***raġonevolment taħseb*** *li dak l-oġġett ......jkun prova dwar xi reat ... ... u l-qbid tiegħu jkun meħtieġ biex jiġi evitat li jinħeba, jintilef, jitgħarraq, jinbidel jew jinqered."* (enfasi ta' din il-Qorti). Ghaldaqstant huwa car li sabiex il-Pulizija tkun tista' legalment tikkonfiska oggett, irid ikollha suspett ragonevoli li gie kommess reat u li dak l-oggett jikkostitwixxi prova ta' dak ir-reat.

Meta wiehed japplika dan l-Artikolu 355P ghal kaz odjern, dan ifisser li fil-kaz tal-proceduri odjerni l-oneru tal-prova li huwa ragonevoli li wiehed jissuspetta li r-rikorrenti kkommetta reat b'apparat li gie konfiskat mill-Pulizija, jinkombi fuq il-Kummissarju tal-Pulizija intimat.

F'dawn il-proceduri, l-Kummissarju tal-Pulizija xehed li l-Pulizija irceviet informazzjoni minn sorsi konfidenzjali, li xi ufficjal kunjomu Vella, waqt ix-xoghol tieghu bhala Immigration Officer, uza l-apparat tat-telekommunikazzjoni privat tieghu f'zona ristretta ta' l-ajruport, sabiex jaghti informazzjoni lil terza persuna - permezz ta' stampi jew *text message* jew verbali - li s-sinjuri Kurt Farrugia u Ramona Attard kienu fl-ajruport ta' Malta sejrin lejn l-Ingilterra. Il-Kummissarju xehed ukoll li sors konfidenzjali infurmat lil Pulizija li kienet semghet lir-rikorrent Norbert Vella f'konversazzjoni fuq il-*mobile* fejn semma l-ismijiet "Kurt" u "Ramona". Il-Kummissarju jissottometti li, jekk mill-investigazzjonijiet jirrizulta li dan huwa vera, allura dan ikun ifisser li r-rikorrent Norman Vella, *qua* ufficjal ta' l-Immigrazzjoni, kixef sigriet professjonali bi ksur ta' l-Artikolu 257 tal-Kodici Kriminali.

Ir-reat allegatament sehh fis-27 t'Ottubru 2013 fil-ghaxija – u ghalhekk sas-seduta tal-lum, il-Pulizija kellhom iktar minn tmienja u erbghin (48) siegha sabiex jaghmlu l-investigazzjonijiet taghhom. Mill-provi prodotti, jidher li f'dawn it-tmienja u erbghin (48) siegha, l-provi li ingabru mill-Pulizija huma l-istqarrija tar-rikorrent li ittiehdet *a tempo vergine* u gie konfiskat l-apparat elettroniku tieghu, u gie mistharreg ukoll impjegat iehor ta' Immigrazzjoni kunjomu Vella, li pero ma baqax suspettat mill-Pulizija. Gie ezaminat ukoll ic-CCTV camera footage tal-Malta International Airport. Fix-xhieda tieghu, l-Kummissarju ezebixxa *still* wiehed biss ta' dan il-footage (u kopja tieghu li giet ingrandita), li fih jidher persuna b'xi haga mizmuma orizzontali f'idejha u faccata ta' din il-persuna hemm persuna ohra. Ir-rikorrenti ma cahadx li l-persuna bl-oggett mizmum orizzontali f'idejh kien hu – ghalkemm fl-opinjoni ta' din il-

Qorti, minn dan l-*istill,* wiehed ma jistghax jghid b'certezza li dan ir-ragel huwa r-rikorrent. Mill-provi prodotti, ma jirrizulta li saru l-ebda investigazzjonijiet ulterjuri, u dawk huma l-provi li ghandha f'idejha s'issa l-Pulizija.

Min-naha l-ohra, r-rikorrenti ezebixxa l-istqarrija tieghu, li minn qari taghha jirrizulta, li fil-mument li ttiehdet l-istqarrija, l-unici domandi li saru kienu dwar jekk ir-rikorrenti uzax l-apparat elettroniku tieghu biex jiehu ritratti tas-sinjuri Kurt Farrugia u Ramona Attard. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu, r-rikorrent jghid li fuq talba ta' l-Ispettur Silvio Magro, huwa urih ir-ritratti kollha li kellu gol-mobile. Dottor Karol Aquilina, l-avukat difensur tar-rikorrenti, ukoll xehed li meta kellmitu l-Ispettur M'Stella Attard qabel l-interrogatorju tar-rikorrent, din qaltlu li r-rikorrent kien suspett li ha xi ritratti lil dawn is-sinjuri.

Ghalhekk jidher li fil-hin ta' l-interrogatorju tar-rikorrent li sar *a tempo vergine*, s-suspett tal-pulizija kien li r-rikorrent ha ritratti tas-sinjuri Farrugia u Attard. Fil-fatt mill-provi ma jirrizultax li xi hadd miz-zewg ispetturi li ghamlu l-interrogatorju talbu lir-rikorrent biex jurihom it-*text messages* u n-numri tat-telefonati li kien ghamel dak in-nhar minn fuq il-*mobile tieghu.* Mix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija, fuq domanda diretta ta' din il-Qorti, ic-CCTV footage ma jurix – ghall-inqas b'mod car – lir-rikorrent qieghed juza l-mobile f'pozizzjoni biex jigbed ritratt.

Kif inghad mill-*istill* tas-CCTV *footage ezebit* mill-Kummissarju intimat, l-iktar li wiehed jista' jghid huwa li r-rikorrent kien qed juza l-*mobile* tieghu biex jew jibghat *text message* jew biex jaghfas in-numri jew isib in-numru biex icempel. Mill-provi ma jirrizultax li l-ufficjali ta' l-Immigrazzjoni, bhalma hu r-rikorrent, jew ufficcjali ohra li jahdmu fl-ajruport huma projbiti milli juzaw l-apparat eletroniku taghhom, inkluz il-*mobile* waqt il-hin tax-xoghol taghhom. In oltre, fl-istqarrija tieghu – li ittiehdet qabel ma l-pulizija ezaminaw ic-CCTV *footage* – ir-rikorrenti mill-ewwel ammetta li waqt il-hin tax-xoghol, hu kien uza l-*mobile* ghal uzu personali tieghu u mhux ghat-tehid ta' ritratti.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll, li ghalkemm huwa vera li z-zona li fiha kien qed jahdem ir-rikorrent hija wahda ristretta fl-ajruport, pero hija haga risaputa li din hija z-zona li minnha jridu jghaddu l-passiggieri li jkunu se jirkbu l-ajruplan. Ghalhekk minnha jghaddu numru konsiderevoli ta' nies, apparti ovvjament l-ufficjali li jahdmu fl-ajruport. Ghaldaqstant, ghalkemm ir-rikorrenti kien qieghed f'zona ristretta, kien qieghed effettivament fost il-

pubbliku. Huwa wkoll ben risaput, li l-persentagg ta' nies li jgorru *mobile* fuqhom f'Malta u fl-Ewropa huwa wiehed oghli hafna, u ghalhekk ma jistghax jigi ragonevolment eskluz li seta' kien xi wiehed minn dawn il-hafna persuni li kienu fiz-zona ristretta, li kkomunika lil terzi persuni l-informazzjoni li s-sinjuri Farrugia u Attard – li huma persuni b'kariga pubblika u ghalhekk maghrufa mill-pubbliku - kienu fl-ajruport, kif qed jigi allegat.

Fid-dawl ta' dawn il-provi u konsiderazzjonijiet, fl-opinjoni kunsidrata ta' din il-Qorti, ma jistghax jinghad – mill-provi migbura f'dawn il-proceduri - li huwa ragonevoli li wiehed jissuspetta li r-rikorrent Norman Vella kkommetta reat kriminali, li allegatament gie kommess.

Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax tordna li jsir *repertus* kif qed jitlob il-Kummissarju tal-Pulizija, stante li l-Qorti tista' taghmel dan biss meta *"l-oggett ikun ... ... prova ta' xi reat"* (ara Artikolu 355P tal-Kodici Kriminali) u/jew *"meta jinkixef dokument li ghandu x'jaqsam ma' reat."* (ara Artikolu 558 tal-Kodici Kriminali). Kif diga inghad mhux ragonevoli – mill-provi migbura f'dawn il-proceduri - li jigi suspettat li l-apparat elettroniku tar-rikorrenti, mizmum mill-Pulizija, intuza sabiex jigi kommess xi reat jew ghandu x'jaqsam ma' reat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tilqa' r-rikors tar-rikorrenti Norman Vella u qed tordna r-rilaxx immedjat tal-*mobile* u tat-*tablet* tieghu mill-Pulizija.

In vista, ta' din il-konkluzjoni, l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizijaipprezentat kontestwalment mar-risposta tieghu.

**(ft) Magistrat**

**Vera kopja**

**Deputat Registratur**